Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 52/16

**AVVIŻI**

**25 ta' Diċembru 2016**

Il-ġabra li sa ssir f'dan l-aħħar Ħadd tax-xahar tkun il-ġabra speċjali għall-parroċċa.

Nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru sa ssir ħarġa għat-tfal flimkien mal-abbatini u t-tfal tal-knejjes Franġiskani Konventwali. Nitilqu fit-8.30am u niġu lura f'xi s-2.30pm. Min ġej għandu jinkiteb sal-lum.

Nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru jsir il-festin tal-Milied għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali fit-3.30pm. It-tfal għandhom jinkitbu qabel. Ma jintalabx ħlas imma jkunu apprezzat offerti biex jitħallsu l-ispejjeż.

Nhar is-Sibt 31 ta' Diċembru ikun jum ta' ringrazzjament għas-sena li għaddiet. Fil-quddiesa tas-6.15pm jitkanta t-Te Deum. Il-ġabra tmur għad-Dar tal-Provvidenza.

Tkun ħaġa sabiħa li matul is-sena li ġejja nimpenjaw ruħna aktar biex il-liturġija tagħna tkun tassew ħajja u sabiħa. Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk li diġà jagħtu sehemhom nistiednu lil oħrajn biex jissieħbu mal-grupp tat-tindif, mal-kor, mal-abbatini u letturi.

*Għal aktar tagħrif żur is-sit:* www.parroccaburmarrad.com